**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2002**

**Numru 20**

**Avviz numru 329/02**

**Teresa u Joseph konjugi Ciappara**

**vs**

**Karl Abela**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm186.33 (mija u sitta u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) rapprezentanti danni li sofrew l-atturi fil-vettura taghhom numru LAE 982 rizultat ta' incident awtomobilistiku li gara fin-Naxxar fit-28 ta' Marzu 2000 meta l-konvenut li kien qed isuq vettura numru KAR-177 habat mal-vettura ta' l-attur u ghall-liema incident il-konvenut huwa unikament responsabbli.

Bl-imghaxijiet u l-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tal-25 ta' Mejju, 2001.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante illi ghall-incident awtomobilsitiku li saret referenza ghalih fit-talba huma unikament responsabbli l-atturi u mhux il-konvenut u dan peress li l-atturi kienu negligenti u traskurati u wrew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Sema' ix-xhieda u d-dokumenti.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni in dezamina tikkoncerna habta bejn zewg vetturi, f'mument ta' sorpass. Li jrid jigi nvestigat huwa l-operat tal-vettura ta' quddiem li trid tikser fuq il-lemin, u l-operat tas-sorpass tal-vettura minn wara ukoll fuq il-lemin tal-vettura ta' quddiem.

Fin-normalita’ tal-kazijiet skond il-principji applikabbli ir-responsabbilita tigi spartita 1/3 : 2/3 favur il-vettura ta’ wara. Dana peress li l-vettura fuq quddiem tkun trid tibdel is-sens ta’ direzzjoni meta s-sewqan jiehu fid-dritta. Inoltre ghandhu jaghti pre-avviz sufficjenti b’indikazzjoni re kisra lejn il-crown of the road.

L-attrici xehdet li kienet wieqfa fil-mument tal-habta, bl-indicator mixghul lejn il-lemin. Il-konvenut da parti tieghu jallega li kien mixghul lejn il-lemin. Pero l-attrici tallega wkoll li biex tmur id-dar, riedet tikser lejn il-lemin, kif ukoll li lejn ix-xellug ma kienx accessibbli peress li kien hemm “no entry sign”. Kienet dead stop, kemm kemm miksura. Il-konvenut kellu jaqla minhabba li ta‘ warajh beda ipaqpaqlu l-horn, filwaqt li l-attrici kienet qed tistenna vetturi jghaddu mid-direzzjoni opposta.

L-oneru attrici huwa li tipprova l-kaz taghha fuq bilanc ta’ probabilitajiet. Id-daqqiet fuq il-vetturi jikkombacjaw mal-posizzjoni tal-vetturi kif rizultanti mill-iskizz. Inoltre, il-konvenut allega sorpass f’inkrocju ta‘ toroq, manuvra li mhux konsiljabbli ghal operat accettabbli. Forsi damet ftit biex tikser u l-vetturi ta’ warajha ma kellhomx pacenzja jistennew. Fil-mument li qala l-

konvenut kien imfixkel minn ta' warajh, u meta rega kiser lejn ix-xellug, sab lill-attrici.

Il-probabilta' magguri hija il-versjoni tal-attrici hija verosimili, qed tigi suffragata minn dan it-Tribunal.

Fis-seduta tas-16 ta 'April, 2002 meta xehdu z-zewg xufiera, il-konvenut iddikjara li ma kienx qed jikkontesta d-danni.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli u jikkundannah ihallas lis-somma ta' Lm186.33 (mija u sitta u tmenin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) danni kagunati fil-vettura tal-attrici bl-ispejjes u bl-interessi mit-13 ta' Frar 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**